MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 480/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**HERMAN MIZZI**

**(ID: 343978M)**

**JOHN MIZZI**

**(ID: 246090M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **HERMAN MIZZI** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 343978(M) u **JOHN MIZZI** detentur tal-karta tal-identita' numru 246090(M) gew imressqa quddiemha u akkuzati talli:-

Bejn Jannar, 2007 u Dicembru, 2009, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe' s-somma ta' €153,600.00 ghad-dannu ta' Joseph Galea detentur tal-karta tal-identita' numru 297755(M), ai terminu tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprijaw ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' €153,600.00, ghad-dannu ta' Joseph Galea detentur

tal-karta tal-identita' numru 297755(M), ai termini tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli l-imputati saru ricedivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fil-konfront tal-imputat **JOHN MIZZI** biss talli kiser provvediment tal-probation moghtija b'sentenza datata 3 ta' Lulju, 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratti mill-att tat-twelid tal-imputati li jinsabu a fol. 7 u 8, fedina penali tal-imputati a fol. 9 et sequitur u l-karti tal-identita' tal-imputati a fol. 12 tal-process.

Illi nhar il-31 ta' Mejju, 2010 xehdet in-**Nutar Ritienne Bugeja Fenech** u esebiet vera kopja ta' kuntratt datat l-1 ta' Dicembru, 2008 u spjegat li dan huwa kuntratt fl-atti taghha u gie esebit u mmarkat bhala Dok. RBF 1, liema kopja ta' kuntratt hija minnha awtentikata. Esebiet bhala Dok. RBF 2 kuntratt iehor datat 16 ta' Marzu, 2009 ukoll kuntratt iehor fl-atti

taghha u spjegat illi dina l-vera kopja ta' dan il-kuntratt li gie esebit u mmarkat bhala Dok. RBF 2 u huwa awtentikat minnha.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami tghid li l-flejjes imsemmija fit-tieni kuntratt immarkat bhala Dok. RBF 2 m'ghaddewx quddiemha pero' il-partijiet kienu ddikjaraw illi aktar kmieni dakinhar li sar il-kuntratt il-flus kienu ghaddew. Giet mistoqsija mid-difiza jekk safejn tiftakar hija kienx intqal diskors ta' kif kienu ghaddew il-flus quddiemha spjegat illi ma tiftakarx.

Illi nhar il-31 ta' Mejju, 2010 xehed **Joseph Galea** u spjega li l-imputat Herman Mizzi li gharaf prezenti fl-Awla kien jahdem bhala *salesman* mieghu. Jghid li fil-fatt kien ukoll debitur tieghu fis-sens li kien baqghalu jaghtih xi flus mix-xoghol li kien jiehu minghandu. Spjega li in segwitu kienu ftehmu li kellu jaghtihomlu ftit ftit pero' cioe' nonostante kien jitolbu diversi somom f'daqqa bhal per ezempju elf lira Maltin (LM1,000) ghaliex jghidlu li jkun wehel xi citazzjoni. F'okkazjoni ohra kien talbu somma flus ghax qallu li kien ser jaghmel operazzjoni lill-gharusa. Darb'ohra kien qallu li kien ser jiehu flat allura talbu l-flus. Darba kien qallu li kien sejjer jarma bl-ghodda u ghalhekk talbu flus u kien hemm okkazjonijiet ohra fejn ukoll talbu flus izda ma jiftakarx ir-raguni. Spjega illi daqqa kien imur imputat wiehed u gieli kienu jmorru flimkien fil-garaxx tieghu u dan ghall- habta tat-tmienja ta' filghodu u spjega illi qabel ma huwa kien itihom il-flus dawn ma kinux jitilquh minn hemm.

Spjega li alla hares tahom il-flus kollha li kienu jitolbuh ghax kieku s-somma kienet tkun ferm akbar milli hi. Spjega illi peress li ma tantx kien jafdahom kien qalilhom biex imorru ghand in-Nutar halli jaghmlu kuntratt. Ikkonferma li kien jistma lill-imputati daqs li kieku kienu t-tfal tieghu, kien jifthilhom ghajnejhom pero' dawn qatt ma semghu minnu u dejjem ipprova jghinhom ghall-ahjar. Huwa ma ndunax illi dawn jingannawh. Muri dokument RBF 1 u Dok. RBF 2 jikkonferma li dawn huma vera kopja ta' kuntratti ta' self fejn huwa silef flus lill-imputati. Spjega li l-imputat Herman Mizzi dam jahdem mieghu xi hames jew sitt xhur. Ikkonferma li l-imputati ghandhom ituh is-somma ta' €153,000. Spjega li dawn huma flus li huwa silef lill-imputati u dawna ma hallsuhx lura. Fil-fatt jghid ghall-flus li silifhom qatt ma hallsuh centezmu. Spjega li dana l-ammont jeskludi l-interessi dovuti lilu fuq dan is-self.

In kwantu ghall-flus tax-xoghol li kien ta lill-imputat Herman Mizzi dan kien tah xi pagamenti u fil-fatt jghid li kien tah xi tliet mitt lira Maltin (LM 300). Ghalkemm jghid li kien ghad fadallu jtih is-somma ta' mitejn lira (LM200) u spjega illi dawn pero' huma komprizi fis-somma ta' 153,000 ewro li semma. Spjega illi Herman Mizzi ried jitlaq minn mieghu ghaliex skond hu kien sab *job* ahjar u ried jitlaq. Spjega illi Herman Mizzi ma qallux fejn kien ser jahdem u daqqa ndikalu post u f'okkazjoni ohra semmghielu post iehor. Spjega li f'okkazjoni minnhom pero' l-imputat Herman Mizzi kien jahdem mal-Pemex tal-Mosta bhala *salesman* u spjega illi dan kellu jaghti lil dawn tal-Pemex xi sebat elef liri Maltin (LM7,000) u kien ghamillu tajjeb maghhom hu wkoll. Spjega li kien ghadda s-somma ta' 20,000 ewro f'daqqa lill-imputat Herman Mizzi sabiex jisliflu dan l-ammont meta qallu li kien sejjer jiftah hanut gewwa Wied il-Ghajn. Huwa spjega illi veru kien mar jara dan il-hanut

pero' dan il-hanut sabu maghluq. Jghid li pero' dan il-hanut l-imputat Herman Mizzi qatt ma fethu. Spjega li l-metodi tal-pagament lura lilu kienu gew iffissati fil-kuntratti ta' self. Spjega illi l-imputat Herman Mizzi kien idahhal l-gharusa fis-sens illi kien jghidlu li kienet ser tghinu hi biex huwa jithallas lura dak dovut lilu.

Xtaq jghid ukoll li huwa dejjem xtaq jghin lill-imputati biex dawn iqumu fuq saqajhom. Kien isaqsihom kif kienu ser ituh lura dawn il-flus li kien silfilhom u kien ghalhekk li marru ghand in-Nutar u kkanonizzaw il-kreditu tieghu. Spjega illi ghalkemm kellu suspett li l-imputati ma kinux ser ihallsuh lura xorta baqa' jaghtihom ghaliex huwa dejjem xtaq illi jghinhom u spjega illi forsi jekk ikunu jistghu jifthu *business* jaslu biex imbaghad ihallsuh. Spjega illi mhux kull darba li talbuh il-flus tahom il-flus, jghid li gieli ggieled maghhom u tefaghhom 'il barra ghax hu ma jkunx irid itihom flus. Spjega li fl-ahhar l-imputat Herman Mizzi kien kitiblu ittra li esebixxa u giet immarkata bhala Dok. GJ 1. Spjega illi dina fotokopja tal-originali. Jikkonferma li kien ghadda l-original lill-Ispettur Maurice Curmi u fil-presenza l-Ispettur kien ghamel din il-kopja li esebixxa bhala Dok. GJ1.

Huwa esebixxa wkoll fotokopji ta' kitbiet li kienu ghamlu bejniethom hu u l-imputati meta kien silifhom il-flus. Spjega li dawn huma fotokopja awtentikati mill-Ispettur Maurice Curmi wara li huwa kien ghadda l-original ta' dawn id-dokumenti lill-istess Ufficjal Prosekutur. Din id-dokumentazzjoni qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. GJ 2.

Spjega li f'okkazjoni minnhom l-imputati kienu gew ma' missierhom ghandu biex huwa jislef flus lil missierhom. Spjega illi missier l-imputati qallu li hu ried il-flus biex ihallas l-ispejjez li ghandu d-dar bhal kera u dawl. Spjega ghall-ewwel li ma riedx itih imma mbaghad spicca li silfu s-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800). Imbaghad sar jaf illi c-*cheque* ma kienx sarrfu l-missier imma kien sarrfu l-imputat Herman Mizzi. Huwa esebixxa bhala Dok. GJ 3 skeda tal-pagamenti. Din hija fotokopja tal-original liema fotokopja kienet saret mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi fil-presenza tieghu meta hu ghaddielu l-original u hija awtentikata mill-istess Ufficjal Prosekutur. Spjega li dan id-dokument kien gie redatt min-Nutar u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-hlas lilu kellu jsir fuq perjodu ta' ghaxar (10) snin.

Spjega illi ghalkemm l-ghaxar (10) snin ghadhom m'ghaddewx, il-pagamenti li suppost diga' saru minn mindu dahal fis-sehh din l-iskeda ta' pagamenti xorta ma sarux. Qal li skond dina l-iskeda kien hemm ftehim illi jekk kemm-il darba l-imputati jaqbzu zewg pagamenti l-bilanc restanti jkun dovut f'daqqa.

Mistoqsi in kontro ezami jekk huwa hax proceduri civili fil-konfront tal-imputati spjega li ma bediex proceduri civili kontra l-imputati ghaliex huwa fuq parir li tah l-Avukat qallu li dan kien kaz ta' frodi allura kellha tidhol il-Pulizija.

Illi nhar il-31 ta' Mejju, 2010 xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** u esebixxa bhala Dok. MCF 1 il-kwerela li kien ircieva minghand Dr. Joseph Brincat ghan-nom ta' Joseph Galea parte civile f'din il-kawza, esebixxa bhala

Dok. MCF 2 dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat John Mizzi li gharfu prezenti fl-Awla rigwardanti d-dikjarazzjoni tieghu illi huwa ma kellux bzonn ghajnuna legali qabel ma jigi nterrogat mill-Pulizija, esebixxa bhala Dok. MCF 3 dikjarazzjoni tal-imputat Herman Mizzi li gharfu prezenti fl-Awla u din hija dikjarazzjoni tal-imputat li fiha qieghed jiddikjara li m' ghandux bzonn ghajnuna legali qabel ma jigi nterrogat. In kwantu ghal Dok. MCF 2 qieghed jaghraf il-firma tieghu, dik ta' John Mizzi l-imputat kif ukoll ta' WPC 287 Rose Marie Ellul u PC 1305 Silvio Zammit.

In kwantu ghal Dok. MCF 3 l-istqarrija ta' Herman Mizzi ix-xhud qieghed jaghraf il-firma tieghu, dik tal-imputat Herman Mizzi li qed jaghrfu prezenti fl-Awla, ta' WPC 287 Rose Marie Ellul kif ukoll ta' PC 1305 Silvio Zammit. Esebixxa bhala Dok. MCF 4 stqarrija tal-imputat Herman Mizzi. Din l-istqarrija hija datata 17 ta' Mejju, 2010. Ikkonferma li l-imputat inghata twissija skond il-Ligi u rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Huwa jaghraf il-firma tieghu, dik ta' WPC 287 Rose Marie Ellul kif ukoll ta' l-imputat Herman Mizzi li accetta li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem qed jaghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija esebita bhala Dok. MCF 4. Esebixxa bhala Dok. MCF 5 stqarrija tal-imputat John Mizzi li qed jaghrfu prezenti fl-Awla li hija datata 17 ta' Mejju, 2010. Ikkonferma li l-imputat inghata twissija skond il-Ligi u li rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Qieghed jaghraf il-firma tieghu, dik ta' WPC 287 Rose Marie Ellul kif ukoll tal-imputat John Mizzi. Dawn il-firem qed jaghrafhom kull fejn jidhru f'din l-istqarrija li giet esebita u mmarkata bhala Dok. MCF 5.

Illi nhar is-17 ta' Settembru, 2010 xehed **Joseph Galea** u esebixxa dokument u cioe' kopja ta' kuntratt datat hamsa (5) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tmienja (2008), liema dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok. MGF1.

Illi nhar it-22 ta' Ottubru, 2010 xehdet in-**Nutar Sandra Bugeja** u spjegat li qed tesebixxi vera kopja ta' kuntratt datat 5 ta' Gunju, tas-sena 2008 liema vera kopja ta' dan il-kuntratt tinsab fl-atti taghha. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. NSB1.

Illi nhar it-22 ta' Ottubru, 2010 xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** u spjega li qed jesebixxi bhala Dok. GNS 1 vera kopja fotostatika ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fil-kawza "Il-Pulizija vs Herman Mizzi" datata 17 ta' Settembru, tas-sena 2009 li giet esebita u mmarkata bhala Dok. GNS 1. Esebixxa bhala Dok. GNS 2 vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs John Mizzi" tas-sbatax (17)-il sena iben Herman u l-mejta Theresa Margaret nee' Harte mwieled Pieta' nhar l-14 ta' Mejju, 1990 u joqghod fl-indirizz Block B, Flat 15, Triq ic-Ciras, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 246090M u Jean Paul Sant ta' hmistax (15)-il sena iben Joseph u Theresa nee' Balzan imwieled il-Pieta' fid-29 ta' Frar, tal-1992 u joqghod fl-indirizz numru 49, Morning View, Triq l-ewwel (1) ta' Frar, 1994, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 129192M liema vera kopja ta' din is-sentenza giet esebita u mmarkata bhala Dok. GNS 2 u li hija datata 30 ta' Lulju, 2008. Esebixxa bhala Dok. GNS 3 vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati

moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mizzi" li hija datata 22 ta' Ottubru, tas-sena 2009.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-25 ta' Novembru, 2010 (fol. 108) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fis-26 ta' Novembru, 2010 gew moqrija l-artikoli u l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi nhar l-20 ta' Frar 2013 rega' xehed **Joseph Galea** u spjega li huwa jahdem mal-Gvern bhala Senior Tradesman mad-Dipartiment tal-Health u jaghmel xoghol part-time jbiegh xi prodotti tal-friza tal-ikel. Huwa spjega li sar jaf lil Herman Mizzi ghaliex dan kien qabdu bhala *sales man* mieghu u kien itih ix-xoghol u kien ihallsu bil-*commission*. Jghid li dan kien ibieghlu x-xoghol li kien itih u wara jaghtih il-commission dovut lilu izda ighid li wara certu zmien dan Herman Mizzi beda ma jaghtihx il-flus kollha li kien jigbor tal-prodotti li kien ibieghlu. Kien jibqaghlu per ezempju jaghtih mija (LM100) jew mitejn (LM200), u jghidlu li kien ser jaghtihomlu l-gimgha ta' wara. Qal li Herman Mizzi kien ghad fadallu jaghtih xi flus apparti l-flus li kien sellef lill-ahwa Herman u John Mizzi fl-ammont ta' mija u tlieta u hamsin elf Ewro (€153,000). Spjega li ghadda dawn il-mija u tlieta u hamsin elf Ewro (€153,000) lill-ahwa Mizzi mhux f'okkazjoni wahda izda fuq numru ta' xhur imma bl-intendiment illi dawn il-flus ghandhom jithallsu lura. Huwa spjega li dan is-self kien min naha tieghu u huma kienu jghidulu daqqa ha jaghmlu hekk u daqqa ha jaghmlu hekk.

Huwa spjega li apparti lil Herman Mizzi u lil John Mizzi hu ma jsellifx flus lil haddiehor. Huwa spjega li r-raguni ghalfejn huwa sellef il-flus lil John Mizzi u lil Herman Mizzi kienet ghax kien jistmaghhom qishom it-tfal tieghu u kien ghamel hafna maghhom. Huwa gie muri zewg (2) kuntratti esebiti a fol. tmienja u ghoxrin (28) u tletin (30) tal-process, fejn l-ewwel (1) kuntratt l-ammont indikat ta' self huwa ta' ghoxrin elf (20,000) u kuntratt iehor dak tas-sittax (16) ta' Marzu, elfejn u disgha (2009) huwa tmienja u hamsin elf u sitt mitt Ewro (€58,600). Huwa spjega li tlieta (3) jrid ikun hemm u li lkoll saru ghand in-Nutar. Tnejn minnhom ghand Nutar partikolari u l-iehor ghand in-Nutar Sandra Bugeja datat 5 ta Gunju 2008 fl-ammont ta’ tnejn u tletin elf (32,000). Jghid li huwa kellu jithallas lura dak dovut lilu fi zmien ghaxar snin (10) snin mid-data tal-kuntratt bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) a skaletta f'pagament mensili kull xahar kull l-ahhar ta' kull xahar. L-ewwel pagament jithallas fl-ahhar ta' Gunju, 2008 u kull xahar.

Mistoqsi in kontro ezami jekk jaqbilx li l-kuntratt gie ffirmat fl-elfejn u tmienja (2008) u jekk il-flus kellhomx jithallsu fi zmien ghaxar (10) snin jghid li jaqbel ghalkemm l-imputati ma kienu ghadhom tawh xejn. Mistoqsi jekk jaqbilx li sa dakinhar l-ghaxar (10) snin ma ghaddewx jghid li vera ma ghaddewx imma ma kien bdew jaghtuh xejn. Mistoqsi ghandux licenzja sabiex isellef il-flus jghid li licenzja m’ghandux. Jghid li ghalih ghamel pjacir lill-imputati ghaliex kienu qishom uliedu u ghalhekk qisu sellifhom lit-tfal tieghu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi forma ta’ theddid sabiex huwa jsellef lill-imputati flus jghid li ma kienx hemm u jikkonferma li kien sellifhom il-flus bil-buona grazzja tieghu. Mistoqsi jekk sellifx flus ohra apparti lill-ahwa Mizzi jghid li ma sellifx.

Jikkonferma li kien silef ukoll lil misseir l-imputati s-somma ta’ elf u tmien mitt Ewro (€1,800). Jghid li fl-ahhar mill-ahhar qed jitlob il-flus lura ta’ dak li kien sellef. Fil-fatt jghid li huwa jkun kuntent anke bi flusu biss minghajr ma jiehu imghaxijiet.

Jghid li huwa ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija ghaliex fil-fehma tieghu kienu qed jghadduh biz-zmien ghax ma zammewx bil-ftehim u ma ghamlux il-pagamenti dovuti.

Illi l-imputat **Herman Mizzi** xehed minn jeddu u b’mod volontarju nhar il-5 ta’ Dicembru 2013 (fol. 149). Dan ikkonferma li kien xi ghamel xi xahar jahdem ghall-kwerelant u dan bhala salesman. Spjega li kien ibiegh il-prodotti tieghu li kienu *frozen foods* bhal ravjul u affarijiet simili tal-friza. Jghid li kien jithallas a bazi ta’ *commissions* u dan skond kemm kien ibiegh u jghid li spicca mill-impjieg tieghu minn mal-kwerelant ghaliex kien sab impjieg ahjar. Jikkonferma li kien hemm diversi okkazjonijiet meta ssellef flus minghand il-kwerelant. Jghid li kien hemm zmien meta kien ghaddej minn problemi finanzjarji u ghalhekk kellu bzonn xi flus. Jghid li l-kwerelant dejjem cheque kien tah. Pero’ jghid li kien izommlu imghaxijiet kbar per ezempju meta kien issellef is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm 1,000) kienu kitbu li kien qed jissellef is-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000). Pero’ jghid li mhux dejjem kienu jiktbu d-doppju.  Jghid li meta ffirma il-kuntratt ta’ self gewwa z-Zurrieq kienu gia dahhlu l-interessi ta’ tmienja fil-mija bhala imghaxx u dan mas-sort. Jichad li hu issellef l-ammonti kollha li hemm miktubin u esebiti l-Qorti. Sa fejn jaf hu kien issellef is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf (€25,000) u ma jichadx li huwa debitur tal-kwerlant. Jghid

li l-flus dejjem kien itihomlu meta jkunu wahedhom u mhux quddiem Nutar. L-appuntamenti quddiem in-Nutar kien jaghmilhom is-Sur Galea u lin-nutar kien ihallsu s-Sur Galea wkoll.

Mistoqsi jekk kienx jaghti raguni lis-Sur Galea ghaliex kien irid jissellef il-flus minghandu jghid li fil-bidu ma tahx pero' maz-zmien meta kien ikun hdejh is-Sur Galea kien jisma lil terzi persuni jcemplulu u jitolbuh il-flus ghaliex kien midjun u kien ghalhekk li kien iselfu ghaliex kien ihenn ghalih. Jichad pero' li ghandu jaghti s-somma ta' mija tlieta u hamsin elf ewro (€53,000). Mistoqsi jekk qattx qal lill-kwerelant ghaliex xtaq jiftah hanut jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk qattx qal lill-kwerelant li t-tfajla tieghu kellha bzonn taghmel operazzjoni jghid li ma jiftakarx lanqas. Jiftakar biss li kellu diversi nies jigru warajh li riedu jithallsu u li kien ghalhekk li kien issellef il-flus. Jghid ukoll li kellu xi pagamenti x'jaghmel fuq il-karozza li kellu tal-ghamla BMW 320 Cotswort.

Nhar is-17 ta' Mejju 2010 l-istess imputat **Herman Mizzi** kien ukoll irrilaxxja stqarrija esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. MCF 4 ( fol. 57). F'din l-istqarrija huwa jikkonferma li verament kien issellef is-somma ta' mija u tlieta u hamsin elf ewro (€153,000) minghand il-kwerelant u jghid li bihom huwa qassamhom u hallas lil min kellu jaghti fuq xiri ta' karozzi u affarijiet ohra. Jghid li huwa kien kiteb ittra lill-kwerlant u kien qallu li kellu hafna problemi finanzjarji u jghid li effettivament anke kien qallu lil min kellu jaghti. Mistoqsi jekk huh ukoll kienx issellef flus minghand il-kwerlant jghid li effettivament huh kien issellef is-somma ta' hames mitt ewro biss (€500) pero' kellu bzonnu ghall-kuntratt li ghamel mal-kwerelanti ghaliex kieku ma kienx isselfu daqshekk flus.

B'hekk il-kwerelant kellu mohhu mistrieh li kien se jithallas lura minn zewg min-nies flok wiehed. Jghid li pero' l-intenzjoni dejjem kienet li jhallsu lura kif del resto hija llum ukoll.

John Mizzi l-imputat l-iehor ma xehedx pero' kien irrilaxxja stqarrija nhar is-17 ta' Mejju 2010 li tinsab ezebita fl-atti u mmarkata bhala Dok MCF 5 esebita a fol. 60 tal-process. Ikkonferma li kienu silfu somma kbira minghand il-kwerelant pero' jghid li mhux ghalih ghaliex huwa ma kellux bzonn pero' huh Herman kien jaghtih hamsin ewro fil-gimgha (€50) kull nhar ta' Sibt meta kienu johorgu.  B'kollox jghid li ha xi hames mitt ewro (€500). Jghid li huwa jaf lill-kwerelant ghaliex kien introducih huh u jghid li kienu jmorru ghandu fil-garaxx li kellu Hal Ghaxaq. Ikkonferma li huh vera kellu diversi djun u li kien ihallashom bil-flus li kien isellfu l-kwerelant. Mistoqsi jekk kellux problema ta' droga jghid li qatt ma kellu. Jghid ukoll li huh kien jigdiblu lill-kwerelant li daqqa kien ser jixtri post, li daqqa t-tfajla kellha bzonn operazzjoni u hekk u huwa stqarr illi kien ikoprilu. Jghid li meta huh issellef il-flus minghand il-kwerelant ma kienx jahdem u huwa kien jahdem bl-iscammel u kien jaqla' xi tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72) fil-gimgha. Jghid li verament il-kwerelant dejjem ipprova jifthilhom ghajnejhom. Jghid ukoll li ghalkemm il-flus ma ssellifhomx hu, huwa xorta lest li jaghmel pagament fix-xahar biex ihallsu lura.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni minghand il-Prim Imhallef datat 21 ta' April 2014 u ftit wara giet appuntata ghas-smiegh.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru dehru l-imputati assistiti minn Dr Kris Busietta l-avukat difensur taghhom flimkien mal-Ufficjal Prosekutur li ddikjaraw li kienu qed jezentaw lil din il-Qorti mill-htiega li terga' tisma' mill-gdid ix-xhieda li kienu gia ddeponew f'din il-kawza quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Illi nhar is-7 ta' Novembru 2014 dehru l-partijiet quddiem il-Qorti u l-Ufficjal Prosekutur u trattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jidher li l-parte civili l-kwerelant Joseph Galea kien silef kif jghid huwa stess diversi somom ta' flus lill-imputati u dan f'diversi okkazjonijiet. Jghid li kien jitratta lill-imputati bhala uliedu u ried jghinhom u ghalhekk f'hafna okkazjonijiet meta gie mitlub jghaddilhom xi flus ghal raguni jew ohra huwa dejjem lahaq ix-xewqa tal-imputati u tahom dak li talbuh. Dan mhux kontestat fl-ebda hin. Jidher pero' li f'xi zmien l-parte civili xtaq li jkollu xi haga bil-miktub dwar il-kreditu tieghu tant li kienu marru ghand Nutar u dan fi tlett okkazjonijiet u kanonizzaw dan il-kreditu tieghu permezz ta' tliet kuntratti. Jidher li s-somma kollha li l-imputati finalment kellhom jaghtu lill-kwerelant hija dik ta' mija u tlieta u hamsin elf ewro (€153,000). Dan mhux kontestat lanqas.

Fil-kuntratt esebit jidher li hemm skeda ta' kif ghandhom isiru l-pagamenti lill-kwerelant u l-modalita' li tali hlasijiet kellhom isegwu

tant li l-kreditu kellu jigi mhallas fi zmien ghaxar snin mid-data tal-kuntratt. Jinghad li l-ghaxar snin ghadhom ma ghaddewx pero' hemm klawsola fil-kuntratt Dok. SB1 fejn hemm indikat li jekk l-imputati ma jaghmlux zewg pagamenti mensili jitilfu l-beneficcju tat-terminu u l-bilanc restanti jkun dovut kollu f'daqqa. Cio' nonostante jinghad li l-kwerelant ma kienx ha l-ebda proceduri civili fil-konfront tal-imputati u dan ghax skond il-parir li nghata Joseph Galea din kienet kwistjoni ta' frodi. Dan hu in succint il-fatti specie ta' dan il-kaz u ghalhekk huwa issa l-kompitu ta' din il-Qorti li tara jekk dawn il-fatti jinkwadrawx ruhhom fir-reati ipotizzati mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputati u cioe' r-reat ta' frodi u dak ta' misapproprjazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

Fl-ewwel lok l-imputati gew akkuzati bir-reat ta' frodi kif dispost fl-**Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Issa d-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steliolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-Kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. Il-ligi taghna tittratta fuq il-frodi fis-sub-titolu III tat-Titlu IX tat-tieni ktieb taqsima tal-ewwel ktieb tal-Kodici Kriminali u dan id-delitt kif sejjer jinghad aktar il-quddiem gie diversi drabi ikkummentat minn din il-Qorti diversament presjeduta u anke kif presentement presjeduta ghal kwazi mitt sena b'certezza konsistenza. Din il-Qorti ghal kull buon fini taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali tat-2 ta' Lulju 1979, '**<u>Il-Pulizija vs Mario Schembri</u>**'

fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan ir-reat fis-sistema nostrana kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mill-ligi taghna ghal biex jigi integrat ir-reat ta' truffa.

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 tal-Artikolu 430 tal-Kodici Delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici tad-Due Sicilie, it-truffa kien isejhilha Frodi – del resto anke illum dan id-delitt fil-Kodici taghna hu indikat bhala "frodi b'ghemil qerrieqi".

Skond gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem li jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

(a) b’mezzi kontra l-ligi, jew

(b) billi jaghmel uzu ta’ ismijiet foloz jew,

(c) ta’ kwalifiki foloz, jew

(d) billi jinqeda b’qerq iehor, u

(e) ingann, jew

(f) billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz,

(g) jew ta’ hila

(h) setgha fuq haddiehor, jew

(i) ta’ krediti immaginarji, jew

(j) sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

Fis-sentenza tas-27 ta’ Mejju 1975 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza **Rex vs Victorio Azzopardi** (Vol. XXIX – IV – p.398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn **‘Chaveau et Helie’** u anke minn sentenzi tal-Qorti ta’ Kassasjoni ta’ Parigi biex tispjega li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F’dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza **‘Regina vs Giuseppe Galea’** tat-12 ta’ Mejju 1887 fejn gie stabbilit illi **“***che per costituire la frode sotto la disposizione di quel articolo 282 (illum 308) non e’ necessaria bla concorenza fi ambedue i mezzi menzionati nell’atto di accusa essendo*

*sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti."*

Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna inkluz ta' din l-istess Qorti. L-Imhallef W. Harding fis-sentenza li ta nhar is-27 ta' Mejju 1944 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nikol Bonnici** tenna **"***il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha..... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik acecttata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "quel articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma riechede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' neccessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.***"**

Il-mibki Imhallef Guze Flores fil-kawza **'Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis'** deciza minn dik il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-31 ta' Ottubru 1959 segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhhu kif gej: **"***Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskritittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falzita' prospettata bhala vera u b'hekk bhal mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-*

*affermazzjonijiet menzjonjeri tal-frodatur. Il-Ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Fritt Franciz mise en-scene***.**

L-istess interpretazzjoni l-Imhallef Flores irrepetieha fis-sentenza tieghu fil-kawza **'Il-Pulizija vs Schreiner'** deciza fit-3 ta' Marzu 1956 u fil-kawza'**Il-Pulizija vs Gerald Portelli'** deciza fis-7 ta' April 1956.

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun, fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "*hi hsara ta' haddiehor*" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo**.**

F'kawzi bhal din, wiehed irid joqghod attent illi jistabbilixxi b'certa precizjoni l-linja ta' demarkazzjoni bejn kazijiet li huma strettament ta' natura civili bhal ma' din il-Qorti tahseb li huwa dan il-kaz, minn kazijiet ohra li huma ta' natura kriminali u li ghalihom jirreferi l-Artikolu 308.

**Frodi fit-termini tal-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.**

Dan l-artikolu jipprovdi illi kull min bi hsara ta' haddiehor jaghmel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel meta jinstab hati l-piena tal-prigunerija minn xahar sa tlett xhur jew il-multa.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb** deciza nhar it- 22 ta' Frar, 1993 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri (CA) Nru. 135/92 inghad li:-

"..... *kemm ghar-reat ta' truffa kif ukoll ghar-reat ta' frodi normali, ordinarja, l-element materjali huwa prattikament l-istess*".

Illi l-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat ta' misapproprazzjoni. Issa **s**kond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' aproprazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. *"Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit li s-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex*

*il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm 5,000) b'mod volontarju lill-imputata ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*
3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*
4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*
5. *Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".*

Fuq dan il-punt il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush'** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu jkun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'inhu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-**Artikolu 293 tal-Kodici** taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fiducja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari dei reati contra la proprieta** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

*"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

**Carrara** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** taht it-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uso determinato."*

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun

giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph *Mifsud*** deciza nhar it-tnejn (2) ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**; Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax (14) ta' Jannar, 1993; **Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' April, 194***9*** u **Il-Pulizija v Emanuel *Cassar*** deciza nhar l-ghoxrin (20) ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-imputati sselfu diversi somom ta' flus fuq medda ta' zmien ghar-ragunijiet maghrufa minnhom. Illi dan il-fatt mhux kontestat minnhom tant li huma rrikonoxxew li ghandhom jaghtu somma flus konsiderevoli lill-kwerelant tant li marru mal-istess kwerelant u ikkanonizzaw dan id-debitu fi tlett kostituzzjonijiet ta' debitu. Jidher li fl-ewwel zewg kuntratti li saru quddiem in-nutar Ritienne Bugeja Fenech nhar l-1 ta' Dicembru 2008 u nhar is-16 ta' Marzu 2009 l-imputati kienu isselfu s-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) u tmienja u hamsin elf u sitt mitt ewro (€ 58,600) minghand il-kwerelant u kienu obbligaw ruhhom li jhallsu lura dawn is-somom bl-interessi tat-tmienja fil-mija. Jidher li fit-tielet kuntratt ta' kostituzzjoni li sar quddiem in-Nutar Sandra Bugeja nhar il-5 ta' Jannar 2008 l-imputati kienu sselfu s-somma ta' hamsa u sebghin elf ewro (€75,000) minghand il-kwerelant u kienu ntrabtu li jhallsu lura din l-istess somma

bl-interessi ta’ tmienja fil-mija fi zmien ghaxar snin, liema ghaxar snin bdew jiddekorru dakinhar tal-kuntratt u cioe’ 5 ta’ Jannar 2008 u ghalhekk tali terminu ghadu ghaddej u jiskadi fil-5 ta’ Jannar 2018. F’dan l-ahhar kuntratt l-imputati kienu obbligaw ruhhom li jhallsu lura din l-istess somma mislufa ta’ hamsa u sebghin elf ewro (€75,000) bl-imghax a skaletta u f’kaz li jonqsu li jhallsu pagament wiehed allura l-bilanc restanti jkun kollu dovut (fol. 92).

Illi ghalhekk m’hemmx dubju li din il-materja hija kwistjoni civili. Ma jirrizultax li effettivament l-imputati kellhom l-intenzjoni li jiddefrodaw lill-kwerelant u dan ghaliex il-flejjes inghataw lill-imputati mill-kwerelant kwazi kwazi minn jeddu ghaliex kif jghid hu stess kien jitrattahom bhala uliedu. Ma jidhirx li l-imputati uzaw xi *mise en scene* sabiex l-kwerelant halla l-flus minn idejh. Tant hu hekk li kien hemm diversi somom li gew mislufa fuq medda ta’ zmien u meta l-imputati gew mistoqsija sabiex jigbru d-debitu taghhom huma accettaw tant li iffirmaw il-kuntratti esebiti. Alla hares naslu fl-istat li kull min jaghmel ftehim civili u ma jonorahx jaghti lok ghal azzjoni kriminali ghaliex kieku l-Qorti Kriminali taghna jkunu inondati bil-kawzi iktar milli gja huma. M’hemmx dubju almenu kif jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputati huma debituri tal-kwerelanti fis-somom imsemmija fil-kuntratti u ghalhekk illum jispetta lill-istess kwerelant sabiex ifittex lill-imputati civilment. Illi per sfortuna dan hu ftehim civili li ma giex onorat minn wiehed mill-partijiet u ghalhekk jispetta lill-Qorti Civili sabiex tippronunzja ruhha f’dan ir-rigwad.

Il-Prosekuzzjoni qed tghid li l-imputati dahqu bil-kwerelant meta sselfu l-flus u dan ghaliex kienu jigdbulu u jaghtuh skuzi li ma kienux veri ghaliex kellhom bzonn il-flus. Jinghad li ghalkemm dan jista' jkun minnu l-fatt li l-partijiet gabru dawn id-djun kollha f'kuntratti civili illum ifisser li kien hemm novazzjoni. Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appelli Kriminali per l-Imhallef L. Quintano fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Maurice Curmi) Vs Concetta Charles** deciza fis-6 ta' Gunju 2011 fejn inghad is-segwenti:-

*"Il-Qorti sostniet li meta l-partijiet iffirmaw il-ftehim il-gdid dwar kanonizzazzjoni ta' kreditu u hassru l-ftehim dwar l-adozzjoni effettivament, il-partijiet nehhew min-nofs l-obbligazzjoni antika – u minflok dahlu f'obbligazzjoni ohra. Din it-tieni obbligazzjoni hija gdida ghal kollox ghaliex kienu saru kanonizazzjoni ta' kreditu. Sostniet ghalhekk li mid-data tat-tieni ftehim 'il quddiem saret novazzjoni (ai termini tal-artikolu 1179(a) u 1180(2) tal-Kap 16 li biha ntemmet l-obbligazzjoni li kienet ezistenti qabel u sar kuntratt gdid. Minn meta sar il-ftehim wiehed ma jistax iqis aktar li hija kwistjoni ta' approprijazzjoni indebita izda hija kwistjoni biss ta' kreditu li ghadu ma giex onorat. Ghal dan jezistu l-mezzi civili kollha biex dan il-ftehim ikun inforzat bhal ma jsir normalment. Mhux kull obbligu kontrattwali li ma jkunx onorat iwassal bil-fors ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita.."*

Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **l-Artikoli 18, 49, 50, 293, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitoli 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li ma ssibx lill-**

**imputati HERMAN u JOHN ahwa MIZZI hatja ta' dawn l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberahom minnhom.**

**Oltre dan tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez tal-periti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex ma kien hemm l-ebda perit jew espert nominat f'dan il-kaz.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------